MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Numru 570/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**
v

**JOSEPH MARY BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MARY BORG** bin Anthony u Carmela nee Mizzi, imwieled Valletta fit-tmienja ta’ Marzu, 1950 u residenti fil-fond “Tama”, Triq in-Nassaba, Safi u detentur tal-karta tal-identita` numru 307350M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-hdax ta’ Jannar, 2001 u fix-xhur ta’ qabel u dawk ta’ wara, f’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ John Mary u Carmela Portelli u diversi persuni ohra;
2. Minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ elf tlett mija tlieta w hamsin lira maltin, liema somma giet data jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Lulju 2002 esibit fl-atti a fol 5 markata bhala dokument CSH 2 sabiex in il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-ezami li sar tal-imputat nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhieda tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tmienja ta' Awissu 2002 xehed John Mary Portelli** li qal li l-imputat kien talbu s-somma ta' elf lira maltin sabiex jiddepositahomlu f'kont fl-Ingilterra. L-imputat qallu li kien ser jircievi l-imghax gholi u li kien ser jircievi s-somma ta' elf lira interessi fuq l-ammont li kien ser jiddepositalu. Huwa stqarr li kien jaf lil imputat peress li kien mar ghandu biex jimlielu l-formola tal-Income Tax. Zied jghid li effettivament spicca tah f'Jannar 2001 is-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin lira maltin skond r-

ricevuta esibita markata bhala dokument JB sabiex l-imputat jiddepositahomlu f'kont fl-Ingilterra.  Mistoqsi jekk l-imputat qattx urih l-ktieb tal-bank li allegatament kellu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Id-dokument JB esibit fl-atti jindika ricevuta mahruga mill-imputat [peress li qatt ma giet michuda minnu] favur John Mary Portelli ghas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin lira maltin bhala depositu li l-imputat kellu jaghmel f'kont fl-Ingilterra f'isem John Mary Portelli u martu bhala *fixed term deposit account*.

**John Mary Portelli** spjiega li meta ried flusu lura l-imputat ma tahomlux u qaghadt jittratjeni pero qatt ma cahad li kellu jaghtihomlu.  Huwa ppresenta d-dokument JB 5 u cioe ittra miktuba mill-imputat lil Doctor Joseph Buttigieg li kien l-avukat tieghu fejn talbu zmien ghal hlas.  Esibixxa wkoll d-dokument JB 6 notament miktub mill-imputat fejn qallu li l-flus kellu jircevihom t-Tlieta jew l-Erbgha ta' wara d-dsatax ta' Mejju 2002, w d-dokument JB 8 notament iehor datata erbatax ta' Gunju 2002 fejn ghal darba ohra qallu li kien ser jaghtih lura l-flus u dan allegatament nhar d-dsatax ta' Gunju 2002.  Esibixxa wkoll l-libretti li johorgu l-Lloyds TSB dwar informazzjoni tas-savings rates generali tal-kontijiet taghhom.  Dwar dawn l-libretti ix-xhud spjiega li gew mghoddija lilu mill-imputat meta qallu li allegatament kien ircieva dan il-kont mill-bank fl-Ingilterra f'ismu.
Illi pero **nhar l-hdax ta' Ottubru 2002 John Mary Portelli deher il-Qorti** w iddikjara li ma kellux aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat peress li kien thallas ghas-saldu minghandu u ghalhekk kien qed jirtira l-kwerela li kien ta lil Pulizija Ezekuttiva biex din tiehu passi kontra l-imputat.

Xehdet wkoll **Carmen Portelli**, mart John Mary Portelli li kkonfermat dak li kien qal John Mary Portelli fix-xhieda tieghu dwar l-flus li kien ghadda lil imputat.

Illi l-**imputat kien irrilaxxja stqarrija** nhar l-hamsa ta' Lulju 2002 bhala dokument BZ esibit fl-atti a fol 15.  Huwa ammetta li hu kien holoq storja sabiex jiehu flus minghand l-konjugi Portelli biex jhallas xi dejn li huwa kellu ma terzi.

Ammetta li verament huwa ma kellux kuntatti fl-Ingilterra u meta qalilhom li kellu dawn il-kuntatti kien qed jigbed biex jottjeni minghandhom flushom biex minflok ma jiddepositthom fil-bank, jhallas id-dejn tieghu. Qal li jaf wkoll li l-konjugi Portelli ma jafux jaqraw.

L-imputat xehed u spjiega kif kien gidmu John Sullivan u ghalhekk kellu bzonn xi flus biex jehles mill-pizijiet li kellu u kien ghalhekk li ghamel dak li ghamel mal-konjugi Portelli.

Xehed wkoll **Michael Pisani** li effettivament ikkonferma li l-imputat kien ghadda lil somma flus lil John Sullivan u dan tal-ahhar kien gidmu.

Ikkunsidraat:

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' appropriazzjoni bla jedd skond l-artikolu 293 tal-Kap 9 pero l-Avukat Difensur sostna li din l-akkuza ma tistax tirrizulta ghaliex il-kwerela tal-vittma John Mary Portelli giet irtirata minnu u in vista tal-proviso ta' dan l-artikolu, '*ebda procediment kriminali ma jista jinbeda ghal dan d-delitt hlief bi kwerela tal-parti.*'

Illi pero li ma qalx l-Avukat Difensur hu li dan r-reat hu aggravat peress li l-flus li gew fdati lilu, gew hekk ikkunsinnati minhabba s-servizz tieghu li kellu ta' skrivan li jimla l-formola tat-taxxa. F'dan il-kaz ghalhekk jiskatta l-artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Pulizija Ezekuttiva tmexxi l-azzjoni kriminali ex officio.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza mghotija recentement fl-ismijiet il-Pulizija vs John Caruana deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2004 fejn ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija minn dik l-istess Qorti nhar is-17 ta' April, 1998 fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Falzon fejn gie deciz illi;

"L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-"*volontarjeta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro"* (**Majno**, p. 105). Huwa veru li certu awturi, inkluz dak citat mill-istess appellant

(**Giovanni Giurati, Trattato di Diritto Penale**, Vol. XI, Delitti Contro la Proprieta`, Casa Editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376) jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qliegh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt, li del resto, ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju). Tali intenzjoni, izda, irid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata (ara **Giurati, G., ibid., Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale** – Parte Speciale I, Giuffre` (Milano), 1986, -pp. 285 – 286)".

Ghalhekk in vista tas-suesposti sentenzi ma hemmx dubbju li l-imputat approprija ruhu billi dawwar ghalih bi profitt il-haga li giet fdata lilu mill-konjugi Portelli meta tali haga [flus] gew fdati lilu bl-obbligu li jsir uzu minnhom specifikat u cioe li l-flus jigu depositati f'kont bankarju f'isem l-konjugi Portelli fl-Ingilterra; haga li l-imputat qatt ma ghamel.

Illi dwar r-reat l-iehor u cioe dak ta' frodi, jirrizulta wkoll li l-imputat b'mezzi kontra l-ligi, u cioe b'ingann, ivvinta storja li titwemmen li permezz taghha John Mary Portelli kkonsenja ammont ta' flus lilu. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza mghotija recentement mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismjiet il-Pulizija vs Carmela Germann kwantu ghal kwistjoni jekk il-"gidba semplici" – ghad-differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma), taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, sintendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minn naha l-ohra". Illi m'hemmx dubju illi l-konjugi Portelli irrilaxxjaw il-flejjes li kellhom f'idejn l-imputat fuq il-pretiza li l-imputat li f'dak l-istadju kien qed jagixxi bhala il-konsulent finanzjarju taghhom, qalilhom li kien ser jiddeposita l-flejjes go kont barrani

b’imghax gholi.  Haga li verament ma kellux intenzjoni li jaghmel.

Illi apparti l-gidba semplici l-imputat ukoll kreja din il-messa in scena meta ghadda xi dokumenti bankarji li huwa qal li kien ircieva mill-bank eseteru ghan-nom tal-imputati meta fil-fatt huwa kien nizzilhom mill-internet. Kieku ma kienx ghal dan l-agir frawdolenti tal-imputat il-vittmi ma kienux jigu defrodati.  Ghalhekk ma hemmx dubbju li din l-akkuza ta' frodi b'ghemil qarrieqi, tezisti wkoll.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 3 et seq, markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li fis-sena 1991, huwa kien diga nstab hati ta' reati simili u cioe t'appropriazzjoni ndebita ghas-somma flus ta' 'l fuq minn erbghin elf lira maltin u falsifikazzjoni w inghata *unconditional discharge* ghal tlett snin.  Ghalhekk jidher li l-imputat ma tghallimx minn din l-opportunita moghtija lilu ghaliex rega' qieghed il-Qorti rinfaccjat bil-presenti akkuzi.

Minn naha l-ohra pero l-Qorti rat li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsara sofferta mill-vittmi u cioe minn John Mary Portellli u Carmela Portelli tant li huma ddikjaraw li ma kellhomx pretenzjonijiet ulterjuri kontra l-imputat.

Ghalhekk ghal dawn ic-cirkostanzi biss il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandiex tikkundanna lil imputat piena karcerarja effettiva, izda ghandha tissospendi l-perjodu operativ taghha.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi billi tikkundanna lil imputat JOSEPH MARY BORG ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti spjiegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josserva.

L-imputat iddikjara li fehem l-import ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------